**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 14 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 9/2019 JZM**

**Mark Bugeja**
**[ID 531163(M)]**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Marzu 2019 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrenti kien gie appuntat bhala stralcjarju tas-socjeta` Malta Win Containers Liumited (C15536) nhar is-26 ta` Mejju 1998.*

*Illi fil-25 ta` Mejju 1998 is-socjeta` kienet xjolta volontarjament mil-kredituri u sussegwentement gew ipprezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji l-formoli appositi sabiex, fost ohrajn, jinhatar stralcjarju sabiex jiehu hsieb il-process ta` stralc li suppost kellu jwassal ghall-kancellament ta` l-isem tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi l-imsemmija socjeta` giet "struck off as defunct" minn fiq ir-Registru tas-Socjetajiet fil-21 ta` Settemrbru 2016 – Dokument A.*

*Illi ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta s-socjeta` thassret minn fuq ir-Registru – Art 325(4) tal-Kap 386.*

*Illi r-rikorrent, fl-interess tal-azzjonisti tas-socjeta`, qieghed iressaq ir-rikors odjern sabiex is-socjeta` terga` titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet peress illi qatt ma kienet l-intenzjoni illi s-socjeta` tigi kkancellata qabel ma jitkompla l-process ta` stralc.*

*Illi s-socjeta` kienet propjetarja tal-beni likwidi elenkati fl-anness Dokument B.*

*Illi jekk is-socjeta` ma tergax titpogga fuq ir-Registru tas-socjetajiet, il-kredituri tas-socjeta` sejrin jigu mcahhda mill-imsemmija propjeta` u t-tgawdija taghha.*

*Illi umili fehma tar-rikorrenti jezistu l-elementi kollha kontemplati bl-artikolu 325(4) tal-Kap 386 sabiex is-socjeta` terga` tigi mqeghda fuq ir-Registru tas-Socjetajiet.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi s-socjeta` Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) terga` titqieghed fuq ir-Registru tas-Socjetajiet salv kull provvediment illi joghgobha taghti.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li pprezenta r-rikorrent flimkien mar-rikors, kif ukoll iz-zewg dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fl-<u>10 ta` April 2019</u>, u li kienet ikkonfermata bil-gurament mill-Av. Claudette Fenech. Taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) kienet giet stralcjata volontarjament mill-krédituri taghha u konsegwentement gie mahtur ir-rikorrent bhala stralcjarju.*

*Illi wara l-hatra tieghu, ir-rikorrent beda jibghat ghar-registrazzjoni d-dikjarazzjoni preskritta mill-Artikolu 322(1) ta` l-Att dwar il-procedimenti u l-qaghda tal-istralc tal-kumpannija tul is-snin 1999-2011. Madabakollu wara li ntbaghtet l-ahhar formola msemmija, l-istralcjarju waqaf ghal kollox milli jibghat avvizi ohra simili illi kellhom jigu sottomessi ghar-registrazzjoni f`interval ta` sitt xhur il-wiehed kif jitlob minnu l-istess artikolu.*

*Illi tali nuqqas kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tal-Kumpanniji japplika l-provvedimenti tal-Artikolu 325(3) fil-konfront tal-kumpannija de quo. Tali artikolu specifikament jipprovdi illi f`kaz ta` tali nuqqas ir-Registratur jista` jippubblika avviz fuq website mizmum minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, li fl-gheluq tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-imsemmija avvizi l-istralc tal-kumpannija ghandu jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentement l-isem tal-kumpannija jkun jista` jigi mhassar minn fuq ir-Registru. Dan wara illi r-Registratur ha hsieb li jibghat kopja ta` l-avvizi lill-kumpannija u lill-istralcjarju u kemm il-darba ma tintweriex raguni biex isir il-kuntrarju.*

*Illi konsegwentement, ai termini ta` l-Artikolu 325(3), fil-21 ta` Gunju 2016, ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni tal-avvizi fuq imsemmija fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum. Madanakollu fit-terminu ta` tliet xhur previst mil-ligi la l-kumpannija, la l-istralcjarju u lanqas xi terza persuna ohra ma nfurmaw lill-esponent li nkellhom xi interess illi l-isem ta` l-kumpannija Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) jibqa` fuq ir-registru. Ghalhekk l-esponent mexa sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija msemmija minn fuq ir-registru b`effett mill-21 ta` Settembru 2016.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti r-rikorrent kellu bizzejjed zmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avvizi suesposti biex jinforma lir-Registratur tal-Kumpanniji dwar xi nteress li seta` kellu sabiex l-isem ta` din il-kumpannija jibqa` fuq ir-registru izda dan baqa` nadempjenti.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu biex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru bhala persuna interessata ai termini tas-subartikolu 4 ta` l-artikolu 325 ta` l-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi jkun xieraq illi jsir dan.*

*Illi l-esponent mhuwiex jikkontesta t-talba kif migjuba mir-rikorrent jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi l-isem tal-kumpannija Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) jerga` jidhol fir-reegistru ta` kumpannija fi stat ta` stralc.*

*Dan salv kull provvediment, ordni jew decizjoni illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Mejju 2019.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat illi in vista ta` dak li kien dikjarat fil-kors tal-udjenza tal-lum, qeghda taghti dan il-provvediment illum stess.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti sejra tqis id-deposizzjoni moghtija mir-rikorrent fl-ewwel udjenza tal-kawza u cioe` dik tas-6 ta` Mejju 2019,

senjatament ic-cirkostanzi ghaliex kien baqa` pendenzi mal-intimat, kif ukoll ghaliex kien hemm il-bzonn li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru, partikolarment sabiex ikun jista` jsir it-tqassim fost dawk il-kredituri li ghandhom dritt ta` l-flus li jaghmlu l-assi tal-kumpannija de qua.

Il-Qorti sejra tqis ukoll illi sa mill-udjenza tas-6 ta` Mejju 2019 ir-rikorrent wera disponibilita` shiha li jassikura bhala stralcjarju li kull pendenza li ghandu mal-intimat tigi regolarizzata. Fl-istess udjenza, ir-rapprezentant tal-intimat indika li l-pendenza li kien kellu l-istralcjarju kienet kostitwita mill-presentata ta` dokumenti statutorji. Ir-rikorrent accetta li jipprezenta d-dokumenti rikjesti sal-udjenza ta` wara u cioe` dik tal-lum. Fil-fatt hekk sar, kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-lum.

Il-Qorti sejra tqis ukoll illi wara li din l-ahhar pendenza kienet risolta, l-intimat warrab kull riserva sabiex l-isem tal-kumpannija de qua jkun jista` jidhol fir-registru. Anke dan jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

L-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet ta` nuqqas da parti ta` persuni li jkunu responsabbli ghal kumpannija.

Minn dak li rrizulta fil-kawza tal-lum, il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat.

Tghid illi l-intimat kien kostrett jintervjeni bil-mod previst fl-Art 325 tal-Kap 386 kif del resto kien obbligat jaghmel.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti fil-kaz tal-lum.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li*

*fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il- Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt inkontestat li r-rikorrent huwa stralcjarju tal-kumpannija de qua. Ghal din il-Qorti ir-rikorrent jissodisfa l-kriterju ta` l-interess illi jitlob li l-isem tal-kumpannija, li taghha huwa l-istralcarju, jerga` jidhol fir-registru, sabiex ikun jista` jiffinalizza l-inkariku tieghu, u sabiex hadd ma jgarrab pregudizzju bit-thassir tal-isem, b`mod partikolari l-kredituri.

Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Malta Win Cargo Containers Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C15536 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Malta Win Cargo Containers Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C15536 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Malta Win Cargo Containers Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C15536, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tieghu, dawk tal-intimat u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Malta Win Cargo Containers Limited (C15536) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**